**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Frar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 935/2014 AF**

**Il-Ministru ghall-Finanzi,**

**Il-Ministru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali u**

**l-Accountant General**

**vs**

**Edgar Grima u Emanuela sive Lilian Grima ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi il-Ministru għall-Finanzi, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u l-Accountant General, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fis-sebgha (7) ta' Gunju 2002, il-fond bl-isem ta' 'Sabrina', 90, Triq San Xmun, Fgura, proprjetà ta' Sabrina u Christopher konjugi Buckland kien sofra hsarat strutturali estensivi kawza ta' incident ta' spluzjoni fil-garaxx sottostanti l-imsemmi fond.

L-imsemmija spluzjoni saret minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut Edgar Grima li kien l-inkwilin tal-garaxx dak iz-zmien tal-incident.

Permezz ta'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-hdax (11) ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet "Sabrina u Christopher konjugi Buckland vs. Edgar Grima" (Cit Nru 71212002), il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet illikwidat 'd-danni ghas-somma ta' tmint elef u sbatax-il Lira Maltin (Lm8,017) u tikkundanna l-konvenut ihallas din is-somma lill-atturi. L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut' (kopja legali hawn annessa u mmarkata bhala Dok AG1). Il-konvenut Egdar Grima ma appellax id-decizjoni tal-Prim'Awla u ghalhekk saret *res judicata* in konfront tieghu.

Il-konvenut naqas li jonora dik id-decizjoni u ghalhekk il-konjugi Buckland baqghu ma rkupraw l-ebda ammont.

Permezz ta' skrittura privata (hawn anness u mmarkat bhala Dok AG2) datata ghaxra (10) ta' Lulju 2014, il-Gvern ta' Malta rapprezentat mill-Ministeru tal-Finanzi u Ministeru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali wasal ghal ftehim mal-konjugi Buckland li jithallas l-ammont ta' hamsa u tletin elf tlett mija u sitta u erbghin Ewro u tnejn u tletin centezmi (€35,346.32).

L-ammont ta' €35,346.32 ikopri Lm8,017 (ekwivalenti ghal tmintax-il elf sitt mija u erbgha u sebghin ewro u disgha u hamsin ewro centezmi (€18,674.59) flimkien mal-ispejjez tal-kawza surreferita li tammonta ghal elf erba' mija u sitta u sittin Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm1,466.86) (ekwivalenti ghal tlett elef erba' mija u sittax-il ewro u sebgha u tmenin centezmu (€3,416.87)) inkluz l-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq perjodu ta' disghin (90) xahar.

Permezz tal-iskrittura surreferita, il-konjugi Buckland cedew lill-atturi d-drittijiet taghhom kontra l-konvenut debitur Edgar Grima u gew surrogati fl-intier bid-drittijiet tal-konjugi Buckland.

L-atturi, ad eskluzjoni tal-Accountant General infurmaw lill-konvenut debitur permezz ta' ittra ufficcjali datata 9 ta'

Settembru 2014, illi l-kreditu u l-jeddijiet kollha tal-konjugi Buckland gew ceduti lilhom (hawn annessa u mmarkata bhala Dok AG3).

Il-konvenut gie notifikat b'din l-ittra ufficcjali fit-13 ta' Settembru 2014, liema riferta, qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok AG4).

Fl-istess ittra ufficcjali l-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghal hlas tal-ammont minnhom dovut izda huma baqghu inadempjenti.

Jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-atturi l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talbiet atturi.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tghaddi biex taqta'u tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 -171 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-atturi fis-somma ta' hames u tletin elf tlett mija u sitta u erbghin Ewro u tnejn u tletin centezmi (€35,346.32).

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont ta' hamsa u tletin elf, tlett mija u sitta u erbghin Ewro u tnejn u tletin centezmi (€35,346.32) dovut kif inghad hawn fuq.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficcjali datata 9 ta' Settembru 2014. B'riserva ta' kull azzjoni ohra kontra l-konvenut.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Edgar u Emanuela sive Lilian Grima li permezz tagħha eċċepew illi:

L-azzjoni hija inproponibbli stante li l-mertu huwa gie deciz u res judicata 'n kwantu l-proceduri fuq l-istess incident fl-ismijiet

"Sabrina Buckland et vs Grima Edgar" Cit. Nru. 712/2002JA deciza fil-11 ta' Dicembru 2006. Jinghad ukoll li l-eccipjenti ma jistghux jispiccaw b'zewg decizjonijiet kontra taghhom fuq l-istess mertu.

Minghajr pregudizzju, r-rikorrenti ghandhom jipprovaw l-interess guridiku taghhom, in kwantu illi se mai d-danni kienu rezi lil konjugi Buckland u mhux lir-rikorrenti.

Bla pregudizzju, l-azzjoni hija llum preskritta, bi preskrizzjoni ta' sentejn ossia dik applikabbli fil-kazijiet tad-danni sofferti minn tort.

L-ammont reklamat bla pregudizzju huwa esagerat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tagħhom fis-somma ta' €35,346.32 u għaldaqstant, tikkundanna lill-konvenuti jħallsuhom din is-somma.

Din is-sentenza hija limitata għat-tielet eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti fir-risposta ġuramentata tagħhom u ċjoe li l-azzjoni attriċi hija preskritta bid-dekors ta' sentejn '*ossia dik applikabbli fil-każijiet tad-danni sofferti minn tort*'. Għaldaqstant, jirriżulta li l-konvenuti qegħdin jirreferu għall-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili li jaqra hekk:

> "*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.*"

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li s-somma pretiża mill-atturi hija dik is-somma li l-atturi ħallsu lill-Sabrina u Christopher konjuġi Buckland peress illi l-konvenut naqas milli jonora d-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Sabrina u Christopher konjuġi Buckland vs Edgar Grima, deċiża fil-11 ta' Diċembru 2006 fejn il-konvenut ġie kkundannat iħallas lill-konjuġi Buckland is-somma ta' Lm8,701 in linea ta' danni kkawżati minnu lill-konjuġi Buckland riżultat ta' splużjoni li seħħet fil-garaxx tiegħu li kien jinsab sottostanti għall-proprjeta tal-istess konjuġi Buckland.

Permezz ta' skrittura datata 10 ta' Lulju 2014, il-Gvern ta' Malta ħallas lill-konjuġi Buckland mill-*Victim Compensation Fund* is-somma ta' €35,346.32, li da parti tagħhom ċedew favur il-Gvern id-drittijiet tagħhom kontra l-konvenut debitur Edgar Grima u għaldaqstant, l-atturi ġew surrogati fl-intier bid-drittijiet tal-konjuġi Buckland.

L-atturi jispjegaw li s-somma ta' €35,346.32 tinkludi d-danni likwidati mill-Qorti u l-ispejjeż tal-kawża surriferita li jammontaw għal €3,416.87 kif ukoll imgħax bir-rata ta' 8% fuq perjodu ta' disgħin xahar li jammontaw għall-€3,416.87.

Kif diġà ngħad din is-sentenza hija limatata għat-tielet eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti u ċioè li l-azzjoni attriċi hija estinta bid-dekors ta' sentejn skont l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

B'mod ġenerali, ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Frank German vs Domenico Azzopardi, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-18 ta' Jannar 1950 li *'(L)-indoli ta' l-azzjoni tiġi desunta mhux tant mill-kliem piu o meno eżatti tal-att istituttiv tal-ġudizzju, imma mill-iskop li għalih huwa intiż il-ġudizzju.'* Minn dan isegwi li għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti, huwa neċessarju li ssir indaġini dwar il-vera natura tal-azzjoni li qiegħda tiġi eżerċitata mill-atturi.

Hekk ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Peter Montebello vs Peter Montebello tal-25 ta' Settembru 2003, il-Qorti spjegat illi:

*"Din hija għażla li l-liġi tagħti lil kull parti attriċi, u hija fuq din l-għażla li jiddependi l-eżitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti tagħżel li tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra parti oħra fuq kawżali partikolari, l-eċċezzjoni li titqanqal mill-parti mħarka kontra l-azzjoni magħmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawżai u mhux fuq x'taħseb il-parti mħarrka li setgħet kienet il-kawżali vera."*

Dan ifisser li hija l-azzjoni kif arġinata fil-parametri tal-premessi u talbiet tagħha li għandha tiddetermina liema huwa l-perjodu preskrittiv applikabbli. Wieħed irid iqis allura jekk l-artikolu tal-liġi li jirreferu għalih il-konvenuti sabiex isejjsu l-eċċezzjoni tagħhom japplikax għall-azzjoni odjerna.

Huwa opportun li jingħad ukoll illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tingħata tifsira u applikazzjoni restrittiva, u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabbilità taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, tali dubju għandu jmur kontra l-eċċipjent. Il-preskrizzjoni li titfi l-proċess trid titqies fil-limiti stretti li tapplika għaliha l-liġi.

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, il-Qorti hija tal-fehma li l-artikolu tal-preskrizzjoni li jsejjsu l-eċċezzjoni tagħhom fuqu l-konvenuti ma japplikax għal dan il-każ għas-sempliċi raġuni li għalkemm il-kreditu li l-atturi jgħidu li huwa dovut lilhom huwa originarjament naxxenti minn azzjoni għall-danni, l-azzjoni tal-lum m'hijiex kawża għall-ħlas ta' ħsarat per se. Dik il-kawża diġa saret u kif jirriżulta mill-atti, ġiet deċiża fil-11 ta' Diċembru 2006 u llum il-ġurnata għaddiet in ġudikat. Fil-fatt, l-atturi mhumiex qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni kkawżati minnu għaliex din il-Qorti diversament presjeduta diġa pronunzjat ruħha f'dan is-sens fil-konfront tal-konvenut.

Il-konjuġi Buckland ġew kanonizzati kredituri tal-konvenut permezz tas-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2006. Permezz tal-iskrittura datata 10 ta' Lulju 2014, l-atturi ġew surrogati fid-drittijiet tal-konvenut ai termini tal-artikolu 1165 tal-Kodiċi Ċivili. L-atturi intavolaw din l-azzjoni sabiex huma wkoll jiġu kanonizzati kredituri tal-konvenut, wara li huma effettivament

daħlu fiż-żarbun tal-konjuġi Buckland. Għaldaqstant, din il-Qorti ma jirriżultalhiex illi din l-azzjoni tinkwadra fil-parametri tad-definizzjoni ta' 'azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat'.

B'żieda ma dan kollu, huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija nkompatibbli mal-eċċezzjoni li l-ammont pretiż huwa esaġerat. F'dan il-każ jirriżulta li l-unika eċċezzjoni li jressqu l-konvenuti fil-mertu taqra propju hekk.

Dwar dan, fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Maltacom plc vs John Scriha tat-30 ta' April 2003 ingħad hekk:

> *"Illi din l-eccezzjoni hija nsostenibbli legalment, ghax fl-istess nota tal-eccezzjonijiet il-konvenut eccepixxa "Illi f' kull kaz l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa esagerat."*
>
> *Illi fil-kawza Antonia Attard Gialanze vs Emanuel u Doris Rizzo, fejn tqajjmet mill-konvenuti eccezzjoni simili, l-Onorabbli Qorti tal-Appell kkonsidrat li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni segwita b' eccezzjoni fejn qed jigi kkontestat il-quantum tal-ammont mitlub, hija insostenibbli fil-ligi; u dik l-Onor. Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet li huwa ferm relevanti ghal kaz odjern:*
>
> *"L-insenjament tal-Qrati taghna kien dejjem fis-sens li, "salv xi sfumaturi partikolari minn kaz ghal iehor, id-debitur illi ammetta li ghandu jghati lill-attur, imma biss ma jirrikonoxxix bhala ezatta s-somma pretiza, jigi li jirrinunzja tacitament ghal-preskrizzjoni (Sammut v Grima Vol.XXVIII.III.688 u sentenzi hemm citati).*
>
> *L-awtorevoli Troplong (ara prescrizione no.67 Aubry et Rau VIII para.776) jghallem hekk: "Vi ha rinunzia tacita alla prescrizione quando il debitore, senza negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l' ammontare dovuto, e l' espressione usata dimostre che egli ammetteva di essere debitore verso l' attore ma non riconosceva essere esatta la somma"*

*Hu stabbilit u notorju l-fatt li meta d-debitur jallega li huwa m' ghandux jaghti daqskemm il-kreditur jippretendi minghandu, ikun ifisser li huwa rrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni (App.C. G.Demarco v G.Aquilina – 10.06.1946). Dan ifisser li "la detta prescrizione opposta dal convenuto deve riternersi inefficace altesi la rinuncia fattavi (Prim Awla Carbun v Bezzina 29.01.1897)"*

*Ir-rinuzja f'dan il-kaz tista' tkun espressa jew tacita u r-rinunzja minn fatt li jissupponi l-abbandun tal-jedd akkwistat (Borg v Testaferrata Bonnici – 24.03.1958).*

*"Xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine bla pregudizzju ta' l-eccepita preskrizzjoni in vista tal-principju protestatis contra factum non relevat u bil-fatt tieghu stess il-konvenut gie li rrinunzja ghall-preskrizzjoni." (Prim Awla Felice Fenech v Carmelo Bellia – 29.01.1960).*

*Fl-istess vina hija s-sentenza mghotija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-kaz Il-Korporazzjoni TeleMalta vs Joseph Cassar u d-diversi sentenzi hemm citati."*

Hekk ukoll, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Guido J. Vella vs Dr Emanuel Cefai LLD tal-5 ta' Ottubru 2001 qalet propju hekk:

*"L-eċċezzjoni tal-appellant illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoniijiet oħra fosthom dik tal-preskrizzjoni, l-ammont mitlub mill-attur appellat kien esaġerat u mhux dovut lilu fl-ammont mitlub minnu, hi inkonsistenti mal-istess eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Din it-tielet eċċezzjoni ma tistax ma tinftiehimx ħlief bħala ammissjoni tal-kreditu imma li kontestazzjoni tal-quantum."*

F'dan is-sens ukoll wieħed isib is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Aluminium Limited vs Earli Limited tas-16 ta' Frar 2004.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG